**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

It-Tlieta 22 ta' Ġunju, 2021

# IT-TMIEN LEĠISLATURA

**AĠENDA Numru 31**

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali tal-Qrendi

Lill-Membri kollha tal-Kunsill Lokali

Qiegħed tiġi mitlub/a biex tattendi għal-laqgħa tal-Kunsill Lokali numru 31 li ser tinżamm fl-uffiċċju tal-Kunsill Lokali, 7, Triq il-Knisja, il-Qrendi, nhar it-Tnejn 28 ta' Ġunju, 2021 fil-17:30.

Din il-laqgħa ser tixxandar *live* fuq l-*internet*.

**IFFIRMATA**

**Chris Falzon**
Segretarju Eżekuttiv

---

**AĠENDA**

31.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji;
31.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;
31.3 Komunikazzjoni mis-Sindku;
31.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri;
31.5 Rapporti;
31.6 Aġġornament dwar il-bini taċ-Ċentru Ċiviku l-ġdid tal-Kunsill Lokali tal-Qrendi;
31.7 Aġġornament dwar Miżura 4.4 – Ħitan tas-Sejjieħ fiż-Żona ta' Misraħ is-Santwarju tal-Madonna tal-Ħniena;
31.8 Aġġornament dwar l-Ingaġġ ta' Persuna Klerikali mal-Kunsill Lokali;
31.9 Termini u Kundizzjonijiet sabiex Bejjiegħa jarmaw quddiem il-ħanut tagħhom;
31.10 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti;
31.11 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

**Minuti tal-31 Laqgħa tat-tmien leġiżlatura tal-Kunsill Lokali tal-Qrendi li saret nhar it-Tnejn 28 ta' Ġunju, 2021 fil-17:30, f'7, Triq il-Knisja, il-Qrendi, u spiċċat fis-19:30.**

**Preżenti:**

| | |
|---|---|
| Sindku | David Schembri MQR |
| Viċi Sindku | Patrick Bugeja |
| Kunsilliera | Marion Parnis |
| Kunsillier | Charles Zerafa |
| Kunsillier | Daniel Farrugia |

**Uffiċjal:**

| | |
|---|---|
| Segretarju Eżekuttiv | Chris Falzon |

Is-Sindku David Schembri MQR ippreseda.

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

31.1 **QARI TAL-ITTRI TA' APOLOĠIJA**

31.1.1 Ma kien hemm l-ebda ittra t'apoloġija.

31.2 **KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI**

31.2.1 Il-Minuti tat-30 Laqgħa tal-Kunsill Lokali tal-Qrendi kienu pproponuti mill-Kunsillier Daniel Farrugia.

31.2.2 Il-Kunsillier Charles Zerafa ssekonda l-Minuti u l-Kunsill Lokali qabel unanimament.

*Is-Sindku David Schembri għadda mozzjoni sabiex il-Minuti 31.3, 31.4 u 31.5 jiġu diskussi wara Minuta 31.9 f'din l-istess laqgħa, liema mozzjoni kienet issekondata mill-Viċi Sindku Patrick Bugeja u maqbula unanimament mill-membri tal-Kunsill Lokali tal-Qrendi.*

31.6 **AĠĠORNAMENT DWAR IL-BINI TAĊ-ĊENTRU ĊIVIKU L-ĠDID TAL-KUNSILL LOKALI TAL-QRENDI**

31.6.1 Is-Sindku David Schembri qal li s-saqaf ingħata l-konkrit, biss sadanittant jidher li hemm problemi ma' tal-barrieri.

31.6.2 Mill-informazzjoni li għandna jidher li tal-barrieri mhumiex jaċċettaw terrapien, allura dak li nqala' tħalla fuq is-sit sakemm tkun riżolta din il-problema.

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

31.6.3 Qal li l-ġiebja qed tiġi skavata, biss dan qed jieħu ċertu ħin. B'kollox ser ninżlu 3 metri, l-aktar għall-ilma tax-xita sabiex jintuża għat-tisqija u jintuża b'mod sekondarju.

## 31.7 AĠĠORNAMENT DWAR MIŻURA 4.4 – ĦITAN TAS-SEJJIEĦ FIŻ-ŻONA TA' MISRAĦ IS-SANTWARJU TAL-MADONNA TAL-ĦNIENA

31.7.1 Is-Sindku David Schembri qal li anke hawnhekk erġajna bl-iskossi u issa ilu tliet ġimgħat ma jsir ix-xogħol.

31.7.2 Qal li ninsabu fil-fażi finali imma qed jittieħed ħafna ħin sabiex din titlesta.

## 31.08 AĠĠORNAMENT DWAR L-INGAĠĠ TA' PERSUNA KLERIKALI MAL-KUNSILL LOKALI TAL-QRENDI

31.08.1 Is-Sindku David Schembri għadda l-kelma lis-Segretarju Eżekuttiv Chris Falzon.

31.08.2 Qal li l-Bord tal-Intervisti pprepara rapport finali li qiegħed jitressaq quddiem il-Kunsill Lokali.

31.08.3 Is-Segretarju Eżekuttiv spjega kif kien hemm numru t'applikanti li ma kenux mgħajta għall-intervista minħabba li ma kellhomx żewġ 'A' Levels, meta mbagħad kellhom Diploma, Baċellerat jew Masters.

31.08.4 Ir-rapport kien approvat unanimament mill-Kunsill Lokali.

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

31.09 **TERMINI U KUNDIZZJONIJIET SABIEX BEJJIEGĦA JARMAW QUDDIEM IL-ĦANUT TAGĦHOM**

31.09.1 Is-Sindku David Schembri qal li fl-aħħar laqgħa konna tkellimna dwar linji gwida u bye-law dwar dan is-suġġett.

31.09.2 Qal li b'hekk ser noħolqu preċedent, u li jekk nagħtu permess lil bejjiegħ wieħed irrid nagħtu lil kulħadd.

31.09.3 Ġew diskussi dawn it-Termini u Kundizzjonijiet fit-tul, b'mod speċjali dwar il-ħlas mitlub jekk jingħata l-permess.

31.09.4 Wara diskussjoni twila, kien deċiż li l-kaxxa ma tistax tkun akbar minn 9 metri kwadri għall-ammont ta' €30 fix-xahar bil-quddiem.

31.09.5 Il-Kunsill Lokali qabel unanimament li ser nitkellmu mad-Dipartiment għall-Gvern Lokali dwar it-triq 'il quddiem.

31.3 **KOMUNIKAZZJONI MIS-SINDKU**

31.3.1 Is-Sindku David Schembri qal li l-applikazzjoni li ssottommetejna lil LESA ma kenitx waħda mill-magħżulin, għaldaqstant is-sqaqien għalissa ser ikollhom jistennew.

31.3.2 Is-Sindku tkellem dwar talba fi Triq it-Torri minħabba tabelli u sinjali, kif ukoll sleeping policeman kantuniera ma' Triq is-Salvatur.

31.3.2.1 Qal li jekk kemm-il darba ser issir sleeping policeman ser taffettwa l-ilma tax-xita, kif ukoll l-użu tagħha mhuwiex daqstant neċessarju għaliex il-karozzi bilfors ikollhom inaqqsu l-veloċità għax it-triq dejqa.

31.3.2.2 Il-Kunsillier Charles Zerafa qal li min bagħat l-e-mail anke talab li tkun pedestrian zone, imma din diffiċli ħafna li ssir.

31.3.2.3 Il-Kunsilliera Marion Parnis staqsiet jekk tistax issir sleeping

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

policeman maqsuma min-nofs sabiex jgħaddi l-ilma, bis-Sindku jwieġeb li qed jgħaddi ħafna ilma li jibqa' ġej minn Triq il-15 t'Awwissu, u dan qed joħloq problemi addizzjonali.

31.3.3 Is-Sindku tkellem dwar Sqaq Burbaġar u qal li dan qiegħed jingħata l-konkrit.

## 31.4 TWEĠIBIET GĦALL-MISTOQSIJIET TAL-KUNSILLIERI

31.4.1 Il-Viċi Sindku Patrick Bugeja staqsa dwar ġardinar li kien qed jiżbor is-siġar fi Triq it-Tempesta.

31.4.1.1 Is-Sindku wieġeb li l-oleander tal-by-pass kien kiber ħafna u kellu bżonn żabra u qabbadna ġardinar li fil-passat kien joffri s-servizzi lill-Kunsill Lokali tal-Qrendi f'isem il-kumpanija li jaħdem magħha.

31.4.1.2 Qal li dan ix-xogħol qiegħed isir extra, u fil-fatt dan ix-xogħol kien qiegħed isir wara l-ħin.

## 31.5 RAPPORTI

31.5.1 Ma kien hemm l-ebda rapporti mill-Kunsillieri preżenti.

## 31.10 KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-ISKEDA TA' PAGAMENTI

31.10.1 Is-Segretarju Eżekuttiv Chris Falzon ressaq għall-approvazzjoni tal-Kunsill diversi kontijiet pendenti li jammontaw għal €16,408.23 skont is-*Schedule of Payments* Ref No. 06/21.

31.10.2 Is-Sindku David Schembri qal li bħala *Chairman* tal-Kumitat tal-Finanzi

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

jipproponi li dawn il-kontijiet pendenti jiġu approvati.

31.10.3 Il-Viċi Sindku Patrick Bugeja u l-Kunsilliera Marion Parnis issekondaw din il-proposta.

31.10.4 Il-Kunsill Lokali qabel unanimament dwar din il-proposta.

## 31.11 TMIEM TAL-LAQGHA U DATA TAS-SEDUTA LI JMISS

31.11.1 Il-laqgħa tal-Kunsill Lokali ntemmet fis-19:30 u ġiet aġġornata għall-Ħamis 29 ta' Lulju, 2021 fil-17:30.

**Chris Falzon**
**Segretarju Eżekuttiv**

**David Schembri**
**Sindku**